**Kulleġġ San Nikola Sekondarja tas-Subien, In-Naxxar**
**St. Nicholas College Naxxar Boys Secondary**

# Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
# Frar 2015

IR-RABA' SENA | STUDJI SOĊJALI *OPTION* | ĦIN: SIEGĦA U NOFS

Isem ______________________________ Klassi ______________

1. **Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet.**
2. **Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.**
3. **Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

---

**Għall-użu tal-għalliema**

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima C | Taqsima D | Total |
|---|---|---|---|---|
| 25 | 25 | 20 | 30 | 100 |
| | | | | |

**TAQSIMA A** **(25 marki)**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

**Iż-żgħażagħ huma parti mill-bukkett tas-soċjeta', iżda r-rwol tagħhom huwa iktar importanti mill-oħrajn. Huma parti integrali u essenzjali tas-soċjeta' u mingħajrhom is-soċjeta' mhijiex kompleta. Għalhekk jgħidu li: 'Iż-żgħażagħ tal-lum huma l-forza, it-tama u l-mexxejja ta' għada', għax huma l-futur tas-soċjeta', tal-pajjiż u tal-komunità. Iż-żgħażagħ huma l-forza tal-bidla u jistgħu jħeġġu l-gvernijiet biex jiddikjaraw il-prijoritajiet tagħhom. Iż-żgħażagħ għandhom ir-responsabbiltajiet importanti lejn pajjiżhom. Huwa importanti li nitgħallmu mill-passat u ngħixu bit-tama għal futur aħjar, għal futur li jixraq lil uliedna u lill-ġenerazzjonijiet ġejjiena.**

**Il-ġenerazzjoni futura għandha dover biex tkun onesta, ġenwina, ta' valuri tajba u biex taħdem lejl u nhar biex is-soċjeta' u l-pajjiż jimxu 'l quddiem. Iż-żgħażagħ għandhom dmir biex jużaw il-kapaċitajiet, il-qawwa, il-kreattività u l-immaġinazzjoni tagħhom biex iservu l-pajjiż u n-nazzjon mill-aqwa kemm jistgħu. Dawn huma ż-żgħażagħ li jistgħu jagħmlu d-differenza, għax huma s-sinsla tan-nazzjon u jistgħu jibnu futur sabiħ għas-soċjeta' b'valuri u mgieba kuraġġuża.** **(*It-Torca,* 30 *Ottubru, 2011*)**

1. X'inhi d-differenza bejn adoloxxenti u żgħażagħ?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

2. (a) Semmi **tlett** irwoli li għandhom iż-żgħażagħ fis-soċjeta tal-lum.

i. ______________________________________________________ *(marka)*

ii. ______________________________________________________ *(marka)*

iii. ______________________________________________________ *(marka)*

(b) Spjega.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ *(3 marki)*

3. (a) X'inhi 'sotto-kultura'?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

(b) Agħti eżempju ta' sotto-kultura.

_______________________________________________ *(marka)*

4. Għaliex is-sotto-kulturi huma ħafna drabi marbutin maż-żgħażagħ?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

5. (a) Taqbel li ż-żgħażagħ huma katalisti tal-bidla?

_______________________________________________ *(marka)*

(b) Agħti raġuni għat-tweġiba tiegħek.

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

6. (a) Xi sfidi għandhom iż-żgħażagħ llum?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

(b) Spjega **tnejn** minnhom.

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

7. Iż-żgħażagħ huma ħafna drabi assoċjati wkoll mal-problemi soċjali. Semmi **żewġ** eżempji ta' problem soċjali li jiffaċċjaw?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

8. Kif inbidel il-mod ta' mistrieħ fost iż-żgħażagħ mill-passat għal-lum?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ *(3 marki)*

**TAQSIMA B** **(25 marka)**

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

**Is-saħħa huwa kunċett tant importanti. Dan għaliex is-saħħa huwa dritt fundamentali u għalhekk pajjiżna bħal ħafna pajjiżi oħra dejjem jara kif jista' jtejjeb dan is-servizz. Għalhekk ħafna drabi il-partiti politiċi ma jaqblux bejniethom dwar kif l-aħjar jingħata dan is-servizz. Hawn Malta nsibu diversi servizzi marbutin mas-saħħa, kemm dik pubblika kif ukoll dik privata.**

**Is-saħħa huwa suġġett diskuss kontinwament madwar id-dinja. Il-Ġnus Maqgħuda permezz tal-WHO kontinwament taġġorna lid-dinja kif jistgħu jtejbu l-qagħda ta' saħħa tagħhom. Dan għaliex din l-organizzazzjoni hija responsabbli direttament mis-saħħa.**

1. Agħti defenizzjoni ta' 'saħħa' skont il-WHO.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ *(4 marki)*

2. Xi tfisser is-saħħa għalik? Spjega.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ *(4 marki)*

3. X'nifhmu 'b'saħħa ħolistika'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ *(4 marki)*

4. Kif tista' persuna żżomm lilha nnifisha aktar b'saħħitha?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ *(4 marki)*

5. Fid-dinja nsibu diversi tipi u kundizzjonijiet ta' mard. X'inhuma dawk il-fatturi li jikkontribwixxu għall-mard fil-bniedem?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ *(4 marki)*

6. (a) X'organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali nsibu favur is-saħħa?

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ *(2 marki)*

(b) X'inhuma l-irwoli tagħhom?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ *(3 marki)*

**TAQSIMA C** **(20 marka)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fid-dettal.**

1. Spjega d-differenza bejn 'welfare state' u 'welfare society'.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ *(5 marki)*

2. X'forom differenti ta' welfare insibu f'Malta? Spjega dan mill-perspettiva tal-Istat, Knisja u privat.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ *(5 marki)*

3. Spjega d-differenza bejn 'faqar relattiv' u 'faqar assolut'. Agħti eżempji konkreti.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ *(5 marki)*

4. (a) X'inhu 'l-poverty line'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(2 marki)*

(b) Liema huma l-indikaturi tal-faqar? Semmi **tlieta**.

i. ______________________________________________________________ *(marka)*

ii. ______________________________________________________________ *(marka)*

iii. ______________________________________________________________ *(marka)*

**TAQSIMA D** **(30 marka)**

**Agħżel WAĦDA minn dawn it-temi li ġejjin u fuq karta separata ikteb f'madwar 250-275 kelma dwarha.**

1. F'Malta nsibu diversi programme ta' rijabilitazzjoni għaż-żgħażagħ. Spjega dan permezz ta' eżempji prattiċi mis-soċjeta' Maltija u għid kif dawn l-NGOs qegħdin ikunu ta' kontribut għaċ-ċittadini tal-pajjiż.

JEW

2. F'Malta, l-Istat, il-Knisja u organizzazzjonijiet private joffru servizzi differenti ta' saħħa lill-komunità. Spjega.

JEW

3. L-esklużjoni soċjali hija inevitabbli f'kull soċjeta'. Spjega u analizza forom differenti ta' esklużjoni soċjali.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**